**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Rikors Nru : 509/16 AL

**AB**
**Vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis-sebgha ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (07/09/1996) gewwa l-knisja ta' Gesu' Nazzarenu, Sliema u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv zero zero erbgha hamsa zero disgha hamsa (0045095) hekk kif jidher car mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok KA1**.

2. Illi miz-zwieg taghhom twieldu zewgt' itfal, J li twieled fit-23 ta' Gunju 1997, illum maggorenni, u L li twieldet fit-13 ta' Mejju 2003.

3. Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt nhar id-disgha ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (09/06/2006) fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon, liema kuntratt ta' separazzjoni qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dok KA2**.

4. Illi l-kontendenti ilhom Iktar minn erba` snin separati legalment u ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi l-partijiet ilhom precizament il-fuq minn ghaxar snin mifrudin u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment stante illi l-missier dejjem hallas il-manteniment dovut skond klawsola 6.11 tal-kuntratt ta' separazzjoni.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

A. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

B. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tiddikjara :

1. Illi l-esponenti tikkonferma il-veracita tal-paragrafi wiehed sa sitta tar-rikors promotur u ghaldaqstant tadderixxi ghat-talbiet tar-rikorrenti li z-zwieg taghha mal-istess iccelebrat fis-7 ta' Settembru tas-sena 1996 ghandu jigi mahlul;
2. Taqbel ukoll illi din il-Qorti ghandha tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex id-digriet ta' divorzju jigi nnotifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex il-hall

taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku, skont il-Ligi;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Dicembru, 2016

Semghet lir-rikorrenti prezenti fl-awla jikkonferma ir-rikors promotur bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Gunju 2006;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.